VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

Il-Erbgħa 6 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' via Skype minħabba l-COVID 19, fil 11.00am.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 113A (13):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

13.1.1 Nil

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.13.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 10– **Il-Tlieta 07 ta' April 2020** kienu ikkonfermati.

Il-Kunsill waqaf għal minuta silenzju bħala rispett għal Jonathan Chetcuti – Captain ta' Valletta VolleyBall li ħalla din id-dinja.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-Kunsill bħalissa għaddej bl-audit. Nfurmat mis-Segretarju Ezekuttiv li qed jintbgħat kollox scanned lill-Awdituri appuntati mil-Gvern. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

13.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li minħabba li qed issir it-Triq il-Lvant nforma lis-Segretarju biex jinforma lil Gwardjani Lokali biex jagħlqu ftit għajnejhom fuq il-parkeġġ ta' Triq il-Mediterran. L-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li qed ikomplu jsiru on-site visits regolari bejn l-Health u Restoration Unit biex jitkompla xogħol fuq il-Klinika. L-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-Parkeġġ faċċata tal-House of Catalunya ser jiġi organizzat kif kien diġà ġie nfurmat l-Kunsill f'laqgħa preċedenti . Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

13.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit nforma hu u l-Kap tal-Minoranza Christian Micallef ser ikunu qed jitkellmu ma' Kumpaniji Privati biex jirreklamaw ġol-Belt Valletta wara li taddi l-COVID-19. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara li fil-laqgħa preċedenti saret diskussjoni dwar il-Valletta Waterpolo club intbgħatet l-ittra kif kien miftiehem. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit nforma fil-laqgħa li jmis ser ikun qed jippreżenta pjan kif jistgħu jitnaqqsu l-ħammiem min ġewwa l-Belt mingħajr ma' jinqatlu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-proġett tal-bankini miexi u saret applikazzjoni ġdid biex dawn isiru ta' materjal differenti. Żdiedu wkoll Triq Sant' Ursola u Triq llvant. Il-Kunsill qed jaffaċċa problema biex il-Lands Authority joħorġu no objection min naħa tagħom. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.9 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara laqqgħa li kellu ma l-Onor Julia Farrugia dwar Sur ta' Santa Barbara u fuq proġetti oħra li jistgħu jsiru fil-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.3.10 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li jekk ikun hemm Kunsilliera li jafu b'xi nies li għandhom bżonn xi ikel għandu jinforma lis-Sindku minnufih biex ikun jista jinforma lil Gracey Brasserie. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

13.4.1 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li waqt laqgħa tar-Reġjun saret offerta biex isiru bnadar barra l-Uffiċċju tal-Kunsill waħda tal-Kunsill, tar-Reġjun u ta' Malta. Ir-Reġjun offra li jħallas il-bandiera tar-Reġjun huwa. Is-Segretarju ntalbet tiċċekkja mal-Perit jekk dan jistax issir mal-faċċata ta' l-Uffiċċju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar Traffic Calmer fi Triq San Pawl quddiem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman. Il-Kunsill qabel dwar dan.
Il- Kap tal-Minoranza Christian Micallef nforma li wara li sar post fuq Facebook kontra l-ħaddiema tal-Badboys Cleaners il-Kunsill għandu jtella' post ta' tifħir għax-xogħol siewi li qed jagħmlu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.4.3 IL-Kunsillier Lian Pace staqsa dwar fejn waslet l-byelaw ta' Marsamxett

13.4.4 Il-Kunsillier Vincent Fabri staqsa dwar il-kanal li tħalla mal-bankina tal-proġett tal-GHRC.. is-Sindku nforma li tkellem mal-GHRC U dan mhux se jsir min-naħa tagħhom.

## 13.5 Rapporti

13.5.1 Nil

## 13.13 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

13.13.1 Korrispondenza mil-King's Own Band Club biex jingħataw għajnuna finazjarja ta' 1000euro għal uniformi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.13.2 Korrispondenza mil-Assoċċjazjoni tal-Kunsilli Lokali biex jingħataw EPOS machines. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 13.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

13.13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li rċeviet email mid-dipartiment fuq rapport ta' dawl. Ġiet mistoqsija dwar jekk il-Kunsill għandux devolution u kif qed jaħdem it-tranġar ta' dawl. Is-Segretarju nforma li l-Kunsill għandu problema fejn l-enemalta mhux qed issewwi dawl allura il-Kunsill qed ikollu jibgħat nies tiegħu cioe' Kuntrattur Privat. Hawnhekk il-Kunsillier Azzopardi nforma li mhux hu għamel ir-rapport però fil=passat is-sena l-oħra kien għamel rapporti dwar dawl li kien qiegħed jissewwa mil-Kunsill. L-Kuntrattur kien qed jaħdem fuq direct order. Wara battibek bejn il-Minority Leader Christian Micallef u l-Viċi Sindku Raymond Azzopardi s-Sindku nforma lis-Segretarju biex issir laqgħa mal-Kuntrattur u jinġiebu 3 quotations. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.13.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat qed tippreżenta kwotazzjonijiet għal-installazjoni ta' 3 cameras u ser jintagħżel l-irħas wiehed li huwa Allsec. Il-Kunsill qabel dwar dan.

13.13.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li tenders ta' Soup Kitchen, Bulky Refuse, I ACCESS, Destinations, Avukat qed isir ix-xogħol fuqhom. Fil-laqgħa li jmiss ser tagħti linformazzjoni min rebaħ it-tenders jew fl-liema stat wasal il-proċess. Ser tinħareġ tender ukoll għal-irrigazzjoni.

13.13.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat fl-aħħar ġiet finalizzata l-BOQ tal-proġett ta' l-Urban Greening. Issa ser jintbagħat ftehmin għal-firem u imbgħad tinħareġ is-sejħa għal-offerti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 13.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

13.13.1

13.13.2

## 13.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

April 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2020 11.00am

IFFIRMATA



Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA



Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv